**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elton Taliana]**

**vs**

**Melchior Portelli**

**Illum, 3 ta' Settembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Melchior Portelli detentur tal-karta tal-identita` numru 305997(M).

Akkuzat talli flimkien ma tlett persuni ohra nhar it-28 ta' Lulju 2018 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija (17:30Hrs) minn gol fond Gnejnet il-Ward, Triq il-Kan. Karm Pirotta, Birkirkara:-

Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' **serq** wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq agravat bil-'valur' li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-'vjolenza', bil-'mezz', u bil-'lok', liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta' tieghu u dan ghad-dannu tal-familja Ciantar;

Il-Qorti giet mitluba titratta lill-imputat Melchior Portelli bhala recediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 41, 262, 263, 267, 269 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuza kif dedotta kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Stante li l-imputat ammetta fi stadju bikri u stante li l-imputat ikkoopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u stante li r-reat li bih huwa hu addebitat ir-recediva kien wiehed tat-traffikar ma hijiex ser timponi piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 41, 262, 263, 267, 269 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-imputat Melchior Portelli hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistarat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**